# PRIMARY SCHOOLS FINAL EXAMINATIONS 2000
**Educational Assessment Unit - Education Division**

**IS-SITT SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: SIEGĦA**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

A. Aqta' sing taħt l-aħjar kelma.

1. Jien għandi (d-dritt, l-ferħ, d-dmir, d-dwejjaq ) li ngħin lil min hu fil-bżonn.
2. Ir-reliġjon tagħna l-Maltin hija dik ( Islamika, Gudaika, Hindu, Nisranija ).
3. ( Id-dentist, Il-Prim Ministru, Il-Prim Imħallef, Il-President ) imexxi l-qrati.
4. L-edukazzjoni tagħna tibda ( mill-iskola, mid-dar, mill-fabbrika, mix-xogħol ).
5. L-aktar ħaġa importanti fil-familja hija ( l-flus, l-kumdita' l-imħabba, l-għerf ).

(5 marki)

B. Poġġi dawn il-kelmiet f'posthom.

*termometru , fossili , gżejjer , karozzi tal-linja , Ewropa , d-direzzjoni , ġir , Ġibilta', bhejjem , Industrijali.*

1. Il-fliegu ta'…………………… huwa wieħed mit-tliet fetħiet li għandu l-Mediterran.
2. Il-kelma arċipelagu tfisser grupp ta'…………………………. .
3. Malta tinsab fil-kontinent ta' l- ……………………………. .
4. Miż-żonqor ta' taħt isir il- ……………………………. .
5. Kelma oħra għal għadam ġebli li nstab f'Għar Dalam hija …………………………. .
6. Il-pinnur jimmarka …………………………… tar-riħ.
7. Waħda mill-oqsma tal-biedja hija t-trobbija tal- …………………………. .
8. F'Qasam ……………………………… jkun hemm numru ta' fabbriki miġburin flimkien.
9. It-tren u t-tram kellhom jieqfu mal-wasla f'Malta tal- ……………………………… .
10. L-istrument li bih titkejjel it-temperatura jissejjaħ ……………………………….. .

(10 marki)

C. <u>Minn dawn il-kliem kollha agħżel u ikteb dawk li jagħmlu sens fl-ispazju mogħti</u>.

*karozza , azzar , ġebel , Ħagar Qim , Għawdex , Ġappun , għerien , Ipoġew , Ġgantija , Sqallija.*



1. In-nies ta' Żmien il-Ħaġar kienu jużaw għodda magħmula mill- ____________________ .
2. L-______________________ hu tempju mħaffer taħt l-art.
3. L-ewwel nies f'Malta ġew minn _______________________ u dawn kienu jgħixu fl-__________
4. ________________________ huwa tempju Megalitiku f'Għawdex.

(5 marki)

D. <u>Qabbel kolonna A ma' B billi tpoġġi numru minn ta' kolonna A fil-kaxxi vojta ta' kolonna B</u>

| A | B |
|---|---|
| 1. Hemm diversi reliġjonijiet li jemmnu f'Alla | il-kap jissejjaħ President. |
| 2. Jien ma ngħixx waħdi | juri rispett lejn l-anzjani. |
| 3. L-edukazzjoni turini | imexxi seduta parlamentari. |
| 4. F'Repubblika, | jiffurmaw il-Parlament. |
| 5. Deputati tal-Gvern u l-Oppożizzjoni | drittijiet u dmirijiet. |
| 6. Il-mezzi tal-media | kif inġib ruħi u nifforma karattru sod |
| 7. Kull persuna għandha | għax jien membru f'familja |
| 8. Fil-familja l-omm u l-missier | jwasslulna x'inhu jiġri madwarna. |
| 9. Huwa dmir ta' kull nisrani li | kif jarawH huma. |
| 10. L-Ispeaker | għandhom awtorita' ndaqs. |

(10 marki)

E. <u>Imla l-vojt bil-kelma t-tajba (l-ewwel ittra hija lesta ).</u>

1. L-anemometru jgħinna nkejlu s-s_______________ tar-riħ.
2. Is-saff tat-t___________________ jżomm l-ilma u jifforma bjar naturali.
3. M_______________________ hija bajja sabiħa f'Għawdex.
4. L-Afrika tinsab fin-N______________________ ta' Malta.
5. L-Amerka huwa wieħed mis-sitt k_________________________ .
6. Il-blat ta' Malta huwa magħmul minn s_________________________ .
7. Il-fossili kienu xi darba annimali ħ_______________________ .
8. Ħafna t_____________________ jġib tniġġis ta' l-arja.
9. Il-ġebla tal-f___________________ tintuża għall-bini tad-djar.
10. Il-P_______________________ huwa post f'Malta magħruf għar-raba' saqwi.

(10 marki)

F. <u>Uża dawn il-kelmiet biex timla l-vojt.</u>

*Vittoriosa , Megalitiku , Għajn Rażul , kummerċ, Għolja Sciberras, bir, Caravaggio, kantuniera, Għar Dalam, Gran Mastru Del Monte.*

1. …………………………………. jagħti xhieda li darba Malta kienet magħquda ma' l-Ewropa.
2. It-tempju ta' Ħaġar Qim jissejjaħ …………………………… għax mibni b'ġebel kbir.
3. ……………………………….. huwa post marbut mal-miġja ta' San Pawl f'Malta.
4. Wara l-Assedju, il-Birgu beda jissejjaħ ………………………….. .
5. L-………………………………. kienet imħarsa mill-fortizzi ta' Sant Iermu u Sant Anġlu.
6. Fil-Belt Valletta kull dar ried ikollha ………………………. u kull ……………………….. riedet tkun imżejna.
7. Ix-xogħol fuq il-bini tal-belt Valletta, li kien beda La Vallette, komplih ……………………….. .
8. Fil-Kon-katidral ta' San Ġwann insibu żewġ pitturi ta' ………………………………..
9. Bix-xwieni tagħhom il-Kavallieri kienu qed ifixklu l-……………………….. tat-Torok.

(10 marki)

<u>G Agħmel sinjal taħt it-tnejn tajbin minn kull grupp. ( *aqra l-kelmiet tal-bidu biex jgħinuk* )</u>

1. **Għaqdiet Reliġjuzi** = Caritas ------EneMalta-------Legion of Mary--------Scouts---------Bank
2. **Kamra tad-deputati** = Universita'-------ħwienet-------Parlament-------Qorti-------liġijiet
3. **Kunsill Lokali** = Sindku----------indafa pubblika----------taxxi---------Maltacom------furnar
4. **Karattru sod** = nieħu għalija ------- naqta' qalbi-------nobdi---------infixkel-------naħfer
5. **Ċittadin tajjeb** = nonfoq bl-addoċċ---nagħmel vandaliżmu---naħseb għal rasi---inżur il-morda --------nirrispetta lil ħaddieħor.

(10 marki)

H. Fuq din il-mappa, l-ittri A , B , C juru t-tliet fetħiet li għandu l-Baħar Mediterran lejn ibħra oħra. In-numri mill-1 sat-7 juru xi gżejjer fil-Mediterran.




Ħares sew lejn il-mappa u hawn taħt poġġi l-ittri u n-numri li hemm fil-mappa.

Fliegu ta' Ġibilta' _____ Kanal ta' Swejz _____ Dardanelli _____ Korsika _______

Sqallija ____ Kreta ____ Ċipru ____ Gżejjer Balearići ____ Sardenja ____ Malta ____

(10 marki)

I Għid fejn f'liema belt jew raħal insibu dawn:

1. Il-grotta ta' San Pawl _____________________
2. Għar Dalam _____________________
3. Forti Sant Iermu _____________________
4. Forti Sant Anġlu _____________________
5. Iċ-Ċittadella _____________________

(10 marki )

J <u>Aqra sew dawn iż-żewġ siltiet</u> <u>u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara</u>

1. *In-nanniet ta' Grace u ta' Robert issa kienu daħlu sew fiż-żmien u tista' tgħid li kienu joqogħdu dejjem id-dar.* X'jistgħu jagħmlu Robert u Grace biex juru r-rispett tagħhom lejn in-nanniet ?

   (Ikteb madwar 50 kelma)

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

( 5 marki)

2. *Toni u Alexia waslu lura mill-iskola. Wara li kiel, Toni beda jilgħab iżda oħtu bdiet ix-xogħol li kellha ta' l-iskola. L-omm ħalliet lil Toni jilgħab daqsxejn iżda wara fakkritu li hu wkoll kellu x'jagħmel. Minn widna daħal u mill-oħra ħareġ u hu kompla jilgħab u jagħmel l-istorbju, filwaqt li missieru kien rieqed fuq, għaliex kien xogħol ta' bil-lejl.*

   X'taħseb dwar l-imġieba ta' Toni? Ikteb madwar 50 kelma.

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

___________________________________________________________________________

(5 marki )

K <u>Agħżel WIEĦED minn dawn it-titli u ikteb għaxar ( 10 ) sentenzi dwaru.</u>

(Wara kull titlu ssib xi sentenzi jew kliem biex jgħinuk)

1. **L-ambjent ta' madwarna.**
   *Għaliex hu mportanti fil-ħajja tagħna. X'qed iħassar l-ambjent.*
   *Kif qiegħed jiġi influenzat mill-iżvilupp. Kif nistgħu nieħdu ħsiebu.*

2. **Int kont wieħed mill-ewwel nies li wasalt f'Malta fi żmien il-qedem. Irrakkonta** : *Kif wasalt, x'ġara tul il-vjaġġ , x'sibt fuq din il-gżira , fejn kont toqgħod , kif kien l-għixien tiegħek.*

3. **Kieku kellu La Vallette jiġi llum jżur il-Belt Valletta x'kien jaħseb dwarha ?** *Togħġbu jew le ? Kien lħalliha kif inhi jew jagħmel xi tibdiliet ? Kif tista' tgħinu ?*

4. **Il-problema tat-traffiku:** tniġġis, inċidenti, ħsejjes u 'traffic jams'

(10 marki)